# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 17/15/2 PC**

**Peter Camilleri u Frans Camilleri**

**v.**

**L-Avukat Dr. Jean Paul Grech li b'digriet tas-7 ta' April 2015 ġie nominat bħala kuratur għall-wirt battal ta' Emanuel Camilleri, ġia pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria neé Bigeni**

Preliminari:

1. L-atturi Peter u Frans aħwa Camilleri, li skont it-testment ta' zijuhom Emanuel Camilleri tal-20 ta' Novembru 1981 ġew innominati legatarji tal-beni kollha mobbli u mmobbli tiegħu (liema mmobbli jinkludu l-fond 7, Triq Ħanaq, Nadur) u kull depożitu bankarju u kull *stocks* u *bonds*

li kellu mħaddmin u depożitati fl-epoka tal-mewt tiegħu fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex, intavolaw din il-kawża sabiex jiġu immessi fil-pussess tal-legat, speċjalment tal-imsemmi fond fin-Nadur. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Ottubru 2016 laqgħet it-talbiet tagħhom. Minn tali deċiżjoni ġie intavolat appell minn terz interessat.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi s-sentenza appellata.

"Il-Qorti,

"Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi Emanuel Camilleri ġia pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria nee' Bigeni imwieled fin-Nadur Għawdex miet ġo Victtoria Għawdex nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984);

"Illi l-imsemmi Emanuel Camilleri irregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tal-għoxrin (20) ta' Novembru tal-elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981);

"Illi permezz ta' dan it-testment huwa ħalla b'titolu ta' legat favur tal-atturi Frans u Peter aħwa Camilleri l-beni kollha u mmobbli u kull depożitu bankarju u kull stocks u bonds illi kellu t-testatur;

"Illi fost il-beni mmobbli illi kellu t-testatur kien hemm il-lok ta' djar bin-numru 7, Triq Ħanaq, Nadur, Għawdex;

"Illi l-atturi jixtiequ li jiġu mmessi formalment fil-pussess ta' dan il-legat li sal-lum kien diġa` fil-pussess materjali tagħhom;

"Illi din l-kawża qed issir mill-atturi u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Peter Camilleri li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.

"Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. "Tiddikjara illi permezz tat-testment tal-għoxrin (20) ta' Novembru

tal-elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981) fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, Emanuel Camilleri ħalla b'titolu ta' legat lil istess atturi fi kwoti indaqs u diviżi bejniethom il-beni kollha mobbli u mmobbli u kull depożitu bankarju u kull stocks u bonds illi hu testatur kellu fl-epoka tal-mewt tiegħ f'Malta jew Għawdex;

2. "Tiddikjra illi fost il-beni mmobbli illi kellu t-testatur kien hemm il-fond bin-numru 7, Triq Ħanaq, Nadur, Għawdex;

3. "Tordna lil konvenut sabiex jersaq għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi b'mod speċjali tal-fond immobbli bl-indirizz 7, Triq Ħanaq, Nadur, Għawdex.

"Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali ta' l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

"Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut nomine li permezz tagħha eċċepixxa:

1. "Illi fl-ewwel lok it-talba għall-ħlas tal-legat hija preskritta a tenur tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili. Dan għar-raġuni li l-azzjoni sabiex jintalab wirt, jew legat jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm wkoll f'dawk *ab intestato* tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar (10) snin mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni;

2. "Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhux edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant mhux fil-posizzjoni li jissolleva l-eċċezzjonijiet kollha applikabbli skont il-liġi. In oltre l-esponenti la għandu konoxxenza dwar min jistgħu jkunu l-eredi preżuntivi ta' Emanuel Camilleri u lanqas m'għandu indirizz, numru tat-telefon jew *email* li jistgħu jippermettu li jagħmel kuntatt mal-istess eredi preżuntivi. Għalhekk l-esponenti nomine qiegħed jirriserva li jippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess ta' l-informazzjoni;

3. "Salvi u impreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"B'referenza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat, l-esponenti nomine mhux fil-posizzjoni li jikkummenta fuq il-veraċita' o meno tagħhom.

"Rat ir-Risposta ulterjuri tal-konvenut nomine (a fol. 25) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. "Illi din ir-risposta qiegħda tiġi ppreżentata wara li l-esponenti ġie notifikat b'ittra uffiċċjali numru 647/2015 datata l-ewwel (1) ta' Ottubru 2015, kopja tagħha annessa u markata bħala Dokument JPG 1;

2. "Illi r-rikorrenti odjerni mhumiex il-benefiċċjarji tal-legat tal-fond bl-indirizz numru sebgħa (7), Triq il-Ħanaq, Nadur, Għawdex mertu ta' din

il-kawża u per konsegwenza l-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess ma jistax jiġi ppubblikat a favur tagħhom. Dan hekk kif irriżulta mir-rapport peritali preżentat fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Emanuel Camilleri et vs Martin Camilleri et, ċitazzjoni numru 78/1985, liema kawża kienet marret deżerta;

3. “Salvi u impreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-digriet tagħha tad-29 ta’ Ottubru 2015 fejn, fuq talba tal-konvenut nomine, ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża: ċitaz. Nru.78/1985 flisimijet: Martin Camilleri noe. vs Emanuel Camilleri et.”, intavolata quddiem din il-Qorti ukoll u dikjarata deżerta fl-20 ta’ Jannar 2014.

“Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Mejju 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

“Ikkunsidrat:

“Din hija kawża għall-immissjoni fil-pussess ta’ legat imħolli lill-atturi miz-ziju tagħhom Emanuel Camilleri, bit-testment tiegħu tal-20 ta’ Novembru 1981[1], u dan a tenur tal-artikolu 726 tal-Kap. 16. Emanuel Camilleri miet hawn Għawdex fil-21 ta’ Jannar 1984[2], u b’dan it-testment, wara li rrevoka t-testmenti preċedenti tiegħu, ħalla b’titolu ta’ legat “*a favur ta’ Frans u Peter ahwa Camilleri, fi kwoti ugwali bejniethom zewg legatarji, l-beni kollha mobbli u immobbli u kull depozitu bankarju u kull stock u bonds illi hu testatur ikollu mhaddmin u depozitati fl-epoka tal-mewt tieghu f’dawn il-Gżejjer ta’ Malta u Ghawdex.”*[3]

“Fost il-beni li kellu d-decuzju f’dawn il-gżejjer, hemm il-fond numru 7, Triq il-Ħanaq, Nadur, Għawdex.

“Il-konvenut nomine, in rapprezentanza tal-wirt battal tad-decujus eċċepixxa:

1. “Il-preskrizzjoni deċennali a tenur tal-artikolu 845 tal-Kap. 16; u

2. “Li l-atturi mhumiex il-benefiċċjari tal-legat tal-fond bl-indirizz 7, Triq il-Ħanaq, Nadur.

[1] Ara kopja esebita Dok. D a fol. 11-12 tal-proċess; ara kopja iżjed ċara a fol 15-16 tal-kawża: 78/1985
[2] Ara kopja taċ-ċertifikat tal-mewt, esebita bħala Dok A a fol. 4 tal-proċess
[3] Ara ukoll ir-riċerki testamentarji, esebiti bħala Dokti. B u C a fol. 5-10 tal-proċess

"Dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili ta' pajjiżna jiddisponi li:

> **"L-azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew is-sehem riservat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mil-ftuh tas-successjoni."**

"Il-ftuħ ta' suċċessjoni issir mal-mewt tad-decujus, fil-każ in eżami din seħħet, kif rajna, fil-21 ta' Jannar 1984, mentri l-kawża presenti ġiet intavolata fl-14 ta' April 2015, ferm wara l-iskadenza ta' dawn l-għaxar snin. Imma, kif kellhom bosta okkazzjonijiet jesprimu ruħhom il-qrati tagħna f'dan ir-rigward:

> *" ...Il-konvenuta tallega li l-attur, bhala legataju, tilef kull dritt tieghu bil-passagg ta' zmien. Hi tinvoka l-artikolu 845 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-azzjoni biex jintalab wirt jew legat, tispicca bl-eghluq ta' 10 snin mill-ftuh tas-successjoni. Din il-preskrizzjoni, pero', ma tiddependix biss fuq id-dekors taz-zmien, izda min jeccepiha irid juri li kien fil-pussess tal-oggett animo domini u in buona fede. Dan l-artikolu gie spjegat fis-sens li barra mill-element taz-zmien, hemm bzonn li jigi pruvat anke l-element attiv tal-pussess, u dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda irid ikun il-pussess formali, jigifieri li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'..."*[4]

"Din l-eċċezzjoni ġiet imressqa mill-konvenut nomine li kien qed jidher għall-wirt battal tad-decujus. L-unika eredi testamentarju tad-decujus, ibnu Lawrence Camilleri, lanqas seta' kellu dan il-pussess, għaliex skont it-testment li l-istess Emanuel Camilleri għamel fir-Renju Unit, dan ħallielu: *"...all my property whatsoever which is at the date of my death situate or held in the United Kingdom*,"[5] u għalhekk ma kienitx tinkludi dik li kellu f'Għawdex. Fi kwalunkwe każ kull pussess *animo domini* li seta' kien qed jirreklama l-imsemmi eredi, kien qed jiġi kontestat *inter alia* minn missier l-atturi, Tarcisio Camilleri, tal-inqas minn meta ġiet intavolata l-kawża: 78/1985, kif jirriżulta min-Nota tal-Eċċezzjonijiet ppreżenata f'dik il-kawża.[6] Lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi eredi oħra *ab intestatio*, fir-rigward tal-ġid tad-decujus f'dawn il-gżejjer, li kienu qed jippretendu dan il-pussess. Din l-eċċezzjoni ser tiġi għalhekk respinta.

"Bl-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu l-konvenut nomine qed isostni li l-atturi mhumiex benefiċċjarji tal-legat tal-fond numru 7, Triq Ħanaq, Nadur, Għawdex. Dan presumibilment għaliex id-decujus in segwitu għat-testment li kien għamel f'dawn il-gżejjer, għamel testment ieħor l-Ingilterra, fejn fl-ewwel artikolu qal: "*I hereby revoke all former Wills and Codicils made by me*."[7] Il-kwistjoni hija għalhekk jekk din ir-revoka

---

[4] Prim'wla: Rev. Frangisk Azzopardi v. Hilda Cauchi, 14.10. 2004; ara wkoll P.A. Borg v. Bianco: 23.01.2003, u P.A. Buttigieg v. Buttigieg: 1.10.2003

[5] Ara kopja ta' dan it-testment li sar fit-22 ta' April 1982, Dok. E a fol. 17 tal-kawża: 78.1985, u kopja tal-Probate relattiva tat-8.01.1985, esebita bħala Dok. C a fol.1 0 tal-istess kawża

[6] A fol. 12 (recto u tergo) u 13 tal-proċess

[7] Ara kopja ta' dan it-testment a fol. 17 tal-kawża: 78.1985

kienitx tapplika wkoll għat-testment preċedenti li kien għamel f'Għawdex, u ċioe' dak li a bażi tiegħu l-atturi qed jitolbu li jiġu immessi fil-pussess tal-beni tiegħu f'dawn il-gżejjer. Fil-kawża 78/1985, il-perit legali l-avukat Dottor Georgine Schembri li kienet ittrattat din il-kwistjoni, ċċitat minn sentenza tal-qrati ngliżi fis-sens illi: "*Even if the second instrument contains a general revocatory clause, that is not conclusive, and the court will, notwithstanding, consider whether it was the intention of the testator to revoke a bequest contained in a previous will*."[8]

"Dwar din l-intenzjoni l-istess perit legali rrelatat bil-mod segwenti:

> *"72. ...tajjeb li jigi notat li minn qari taz-zewg testmenti fuq imsmemija, jirrizulta li l-intenzjoni tat-testatur dejjem kienet li l-proprjeta' tiegħu sitwata f'Malta u f'Ghawdex tigi regolata permezz ta' testment maghmul f'dawn il-gzejjer, mentri il-proprjeta' tiegħu gewwa r-Renju Unit tigi regolata permezz ta' testment maghmul fir-Renju Unit.*
>
> *"Dan il-fatt jirrizulta mill-fatt li f'dawn iz-zewg testmenti hemm imnizzel car li l-beni tad-decujus sitwati f'Malta kellhom jigu assenjati lill-familjari tieghu gewwa Ghawdex, mentri l-beni tieghu sitwati fir-Renju Unit kellhom jigu assenjati lill-attur Lawrence Camilleri.*
>
> *"73. Mix-xhieda prodotta waqt is-seduti li saru, din l-intenzjoni tat-testatur giet ukoll kkonfermata diversi drabi. L-attur Lawrence Camilleri kkonferma bil-gurament tieghu li missieru Emanuel Camilleri dejjem xtaq li jassenjalu l-proprjeta;' tieghu sitwata fl-Ingilterra:*
>
>> *'My father did not want to disinherit me. He always wanted me to get his estate in England. We were always on good terms with each other...that the estate in Malta would be left to Francis and Peter children of Tarcisio Camilleri'* (xhieda mogħtija durante s-seduta tat-28 ta' Awissu 1987).
>
> *"74. Il-konvenut Emanuel Camilleri spjega li missier l-attur kien infurmah li d-dar li kellu f'Hanaq Street, Nadur, kien halliha lil hutu Francis u Peter:*
>
>> *'Wara li hu hareg minn hemm, Emanuel Camilleri (*d-decujus*) mar joqghod ma' missieri u jiena lili kien jghidli 'hawnhekk taghhom'...' (xhieda moghtija fit-22 ta' Marzu 1988).*
>
> *"...*
>
> *"76. L-esponent taghmel referenza ukoll ghall-klawsola li saret fit-testment ta' l-20 ta' Novembru 1981 fejn gie mnizzel illi t-testatur kien qed ihassar u jirrevoka kwalunkwe testment li ghamel fil-Gżejjer ta' Malta u kien qed ihalli shah u integri it-testmenti li huwa għamel barra minn dawn il-Gżejjer. Din il-klawsola tkompli tikkonferma li l-intenzjoni tad-decujus dejjem kienet li dik il-klawsola revokatorja tieghu tkun tapplika ghal testmenti maghmula fil-pajjiz fejn kien qed isir it-testment relattiv.*
>
> *"77. Meta imbaghad wiehed jevalwa l-klawsoli tat-testment maghmul fit-*

[8] Dempsey v Lawson ; per Sir James Hannen P (2PD 107), iċċitata fil-para. 68 tar-relazzjoni tal-perit legali a fol. 170 tal-proċess tal-kawża:78/1985

*22 ta' April 1982 fir-Renju Unit fid-dawl ta' l-intenzjoni tat-testatur u fid-dawl tal-principji legali fuq imsemmija, jidher li dik il-klawsola revokatorja ukoll kienet intenzjonata ghal testmenti u kodici li saru fir-Renju Unit biss. Dana peress li f'dan l-istess testment, giet regolata biss l-assenjazzjoni tal-proprjeta' tad-decujus gewwa r-Renju Unit. It-testatur kien ben konsapevoli tal-fatt li kellu beni gewwa l-gżejjer Maltin u ghalhekk jekk kellu xi intenzjoni li jirrevoka t-testmenti maghmula minnu f'dawn il-gżejjer, huwa kien jiddikjara f'dan l-ahhar testment tieghu x'kien isir mill-beni tieghu f'Malta.*

*"78. Abbazi tal-premess, fil-fehma umli ta' l'esponenti u mill-provi messrqa jidher li l-beni tad-decujus sitwati fir-Renju Unit gew regolati permezz tat-testment maghmul fit-22 ta' April 1982. Il-klawsola revokatorja f'dak it-testment ma kellhiex l-effett li tirrevoka u thassar testmenti maghmula precedentement fil-gżejjer Maltin. Konsegwentement il-beni sitwati fil-Gzejjer Maltin gew regolati permezz tattestmenti maghmula mid-decujus f'dawn il-Gzejjer."*[9]

"Il-Qorti taqbel ma' din l-evalwazzjoni tal-abbli perit legali u l-konklużjonijiet raġġunti minnha f'dan ir-rigward, u tagħmilhom tagħha. Jidher li dejjem kienet l-intenzjoni tad-decujus li jirregola l-ġid li kellu f'dawn il-gżejjer bit-testmenti magħmula hawnhekk, u dak li kellu l-Ingilterra bit-testmenti magħmula hemmhekk. Konsegwentement it-testment tiegħu tat-22 ta' April 1982 magħmul l-Ingilterra, ħames xhur biss wara dak tal-20 ta' Novembru 1981 magħmul Għawdex, ma setgħax kellu effett li jirrevoka t-testment preċedenti, u dan minkejja l-ewwel klawsola redatta fit-testment tal-Ingilterra. Mhux verosimili li kien ser iħalli din l-inċertezza kollha dwar il-beni li kellu f'dawn il-gżejjer. Din l-eċċezzjoni ulterjuri se tiġi ukoll għalhekk miċħuda.

"Għal dawn il-motivi u peress li ma jibqa' ebda raġuni għaliex t-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attriċi, u:

1. "Tiddikjara illi permezz tat-testment tal-għoxrin (20) ta' Novembru tal-elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981) fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi, Emanuel Camilleri ħalla b'titolu ta' legat lill-atturi fi kwoti ndaqs u ndiviżi bejniethom il-beni kollha mobbli u mmobbli u kull depożitu bankarju u kull stocks u bonds illi hu testatur kellu fl-epoka tal-mewt tiegħu f'Malta jew Għawdex;

2. "Tiddikjara illi fost il-beni mmobbli illi kellu t-testatur kien hemm il-fond numru sebgħa (7) Triq Ħanaq, Nadur, Għawdex;

3. "Tordna lill-konvenut nomine sabiex jersaq għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi, b'mod speċjali tal-fond immobbli bl-indirizz 7, Triq Ħanaq, Nadur, Għawdex; u għal dan il-fini tinnomina lin-Nutar Dottor Paul George Pisani li għandu jippubblika l-att opportun fl-uffiċċju tiegħu nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2016 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.), u dan, kif jistipola l-artiklu 726 tal-Kap.16, a spejjeż tal-atturi

[9] Ara relazzjoni ta' Dottor Georgine Schembri a fol. 170 – 172 fil-kawża: 78/1985

bħala l-legatarji nominati.

"L-ispejjeż l-oħra, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-20 ta' Marzu 2015, ikunu a karigu tal-konvenut nomine."

**Rikors tal-appell da parti ta' terz interessat (31.10.2016):**

3. Fil-31 ta' Ottubru 2016 ġie intavolat appell minn tali deċiżjoni da parti ta' terz, ossia l-Avukat Larry Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-aħwa msiefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Camilleri. Dawn jiġu ulied u eredi ta' Lorenzo Camilleri, li jiġi l-uniku iben tat-testatur Emanuel Camilleri, li fit-testment li għamel fir-Renju Unit fit-22 ta' April 1982, ħallielu l-proprjeta` kollha tiegħu li tinsab fir-Renju Unit. Permezz ta' dan l-appell it-terz appellant *nomine* talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati.

4. L-aggravji tat-terz appellant *nomine* huma s-segwenti:

(a) L-ewwel Qorti kienet żbaljata meta rriteniet li t-testment ta' Emanuel Camilleri tal-20 ta' Novembru 1981 kien għadu validu minkejja l-klawsola revokatorja tat-testment tat-22 ta' April 1982. Id-dispożizzjonijiet tat-tieni testment huma ċari, cioe` bit-testment tal-1982 it-testatur kien qed iħassar it-testmenti kollha li kien għamel, u allura,

anke dak tal-1981.

(b) Anke *dato ma non concesso* jiġi ritenut li d-dispożizzjonijiet tat-testment tal-1982 m'humiex ċari u li għalhekk hemm bżonn li jsir eżami tal-fatti ċirkostanzjali konkomitanti rigwardanti t-testatur, l-istess fatti ma jistabbilixxux li t-testatur kellu l-intenzjoni li jħalli d-dispożizzjonijiet tat-testment tal-1981 fis-seħħ.

- Il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fil-kawża 78/95 (li l-ewwel Qorti għamlithom tagħha) huma żbaljati, għaliex (i) fl-aħħar testment imkien ma hemm imniżżel li l-proprjeta` ta' Malta kienet se tmur għand il-familjari ta' Malta; u (ii) Lawrence Camilleri qatt ma qal li missieru kien qallu li ried iħalli l-proprjeta` ta' Malta lil Frans u Paul, kif ġie ċċitat jgħid.

- L-uniku skop tat-testment tat-22 ta' April 1982 kien proprju li jħassar l-effetti tat-testment tal-20 ta' Novembru 1981.

- It-testment tat-22 ta' April 1982 sar quddiem professjonist (*solicitor Ingliż*) li kien obbligat ifiehem lill-klijent tiegħu l-effett tad-dispożizzjonijiet testamentarji.

- Eżami tat-test tat-testmenti in kwistjoni ma jħallu l-ebda dubju dwar dak li ried it-testatur.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati (18.11.2016):**

5. L-atturi wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell tat-terz *nomine* għandu jiġi miċħud, iżda **in linea preliminari** eċċipew l-inammissibilita` ta' dan l-appell għaliex isostnu li ma jissussistix l-interess ai termini tal-Artikolu 236 tal-Kap. 12. Jenfasizzaw li t-terz li jappella jrid ikollu interess konkret ġuridiku li jrid ikun ukoll leġittimu u attwali. F'dan ir-rigward jagħmlu s-segwenti punti:

- Ma hemm xejn li jgħaqqad lill-appellanti mal-eredita` in kwistjoni, u għal kulħadd huma nies injoti;

- Kwalsiasi interess li seta` kellhom fl-eredita` ta' Emanuel Camilleri li miet fil-21.01.1984 mhux interess attwali għaliex huwa preskritt bid-dekors ta' 10 snin ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kap. 16 (u l-kawża 78/85 li kienu għamlu biex jieħdu f'idejhom l-eredita` kienet marret deżerta u għalhekk skont l-Artikolu 2132(1) tal-Kap. 16 tali kawża ma kellhiex l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni;

- Kull dritt li jistgħu jivvantaw fuq il-wirt ta' Emanuel Camilleri huwa wkoll kolpit bil-preskrizzjoni trentennali skont l-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 li jippreskrivi kull azzjoni bid-dekors ta' 30 sena.

**Kwadru tal-fatti**:

6. Huwa utli fl-ewwel lok li tiġi spjegata l-parentela tal-persuni involuti fil-kwistjoni. Jibda' biex jingħad li Emanuel Camilleri u Tarcisio Camilleri huma aħwa (Għawdxin).

- Emanuel Camilleri għamel żmien twil jgħix ir-Renju Unit u kellu tifel wieħed, Lawrence Camilleri, li da parti tiegħu kellu tlett itfal: Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri.

- Tarcisio Camilleri, fost it-tfal li kellu, kellu lil Emanuel Camilleri, Peter Camilleri, u Frans Camilleri.

7. Emanuel Camilleri (ħu Tarcisio) għamel żewġ testmenti li taw lok għal ħafna disgwid u adirittura xejn inqas minn tliet kawżi bejn il-familjari. Għal intendiment aħjar tal-vertenzi, din il-Qorti ser telenka s-segwenti fatti b'mod kronoloġiku:

20.11.1981 Emanuel Camilleri (ħu Tarcisio Camilleri) għamel testment f'Għawdex fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi. F'tali testment l-ewwelnett iddikjara li kien qed iħassar u jirrevoka kull testment li għamel fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex filwaqt li jħalli sħaħ u integri d-

dispożizzjonijiet ta' testment li hu għamel barra minn dawn il-gżejjer. Huwa mbagħad iddikjara li kien qed iħalli b'titolu ta' legat lil tnejn minn ulied ħuħ Tarcisio - cioe` lil Peter u Frans Camilleri:

> *"…il-beni kollha mobili u immobili kull depożitu bankarju u kull stock u bonds illi hu testator kellu maħdumin u depożitati fl-epoka tal-mewt tiegħu f'dawn il-ġżejjet ta' Malta u Għawdex.*"

20.04.1982 Emanuel Camilleri (hu Tarcisio Camilleri) għamel testment fir-Renju Unit li fih iddikjara li:

> *"1. I hereby revoke all former wills and codicils made my me.*
>
> *"2. I appoint my son Lawrence Camilleri to be the executor of this my will.*
>
> *"3. I give to my said son absolutely all of my property whatsoever which is at the date of my death situate or held in the United Kingdom."*

21.01.1984 Miet Emanuel Camilleri (ħu Tarcisio Camilleri).

07.06.1985 Lawrence Camilleri, iben il-mejjet Emanuel Camilleri fetaħ kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex (Superjuri, Ċivili) kontra kuġinuh Emanuel Camilleri u zijuh Tarcisio Camilleri għal kull interess li jista' jkollu (**78/1985/PC**) "**Martin Camilleri bħala mandatarju għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Lawrence Camilleri v. Emanuel Camilleri u għall-kwalunkwe interess li jista' jkollu, Tarcisio Camilleri**." Huwa talab lill-Qorti:

(i) tiddikjara li huwa l-uniku eredi sia testamentarju u "ex lege"

ta' missieru Emanuel Camilleri;

(ii) tikkundanna lil kuġinuh Emanuel Camilleri jiżgombra mill-fond 7, Triq Ħanaq, Nadur;

(iii) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirritornaw il-vettura Vauxhall u s-somma ta' £6,000

24.08.2005 Miet Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri.

20.01.2014 Il-kawża 78/1985/PC, waqgħet deżerta. F'dak l-istadju diġa` kien ġie ppreżentat ir-rapport tal-perit legali Dr. Georgine Schembri (fl-2011), fejn ikkonkludiet *inter alia* li t-testment tal-1982 ma kellux l-effett li jirrevoka t-testment tal-1981, u kienet anke saret talba mill-attur noe għall-ħatra ta' periti perizjuri.

14.04.2015 Peter u Frans aħwa Camilleri fetħu kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, kontra l-wirt battal ta' zijuhom Emanuel Camilleri (**17/2015/PC**) "**Peter Camilleri u Frans Camilleri v. L-Avukat Dr. Jean Paul Grech li b'diġriet tas-7 ta' April 2015 ġie nominat bħala kuratur għall-wirt battal ta' Emanuel Camilleri, ġia pensjonant iben il-mejtin Lorenzo Camilleri u Maria nee Bigeni**". F'tali kawża talbu lill-Qorti biex:

(i) tiddikjara li bit-testment tal-20.11.1981 zijuhom Emanuel Camilleri ħallielhom b'titolu ta' legat fi kwoti ndaqs u diviżi bejniethom il-beni kollha mobbli u mmobbli u kull depożitu bankarju u kull stocks u bonds li kellu fl-epoka tal-mewt tiegħu f'Malta jew Għawdex;

(ii) tiddikjara li fost il-beni mmobbli kien hemm il-fond 7, Triq il-Ħanaq, Nadur;

(iii) Tordna lill-konvenut jersaq għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imsemmi, b'mod speċjali tal-fond immobbli 7, Triq il-Ħanaq, Nadur.

11.10.2016 Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fil-kawża 17/2015/PC qablet mar-rapport tal-perit legali fil-kawża 78/1985 u laqgħet it-talbiet tal-aħwa Peter u Frans Camilleri.

31.10.2016 L-Avukat Dr. Larry Formosa *nomine* (f'isem l-imsiefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri – li jiġu ulied Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri) intavola **appell ta' terz mis-sentenza tal-11.10.2016.** L-appell jirrigwarda l-mertu.

26.01.2017 L-Avukat Dr. Larry Formosa *nomine* (f'isem Paul

Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri – li jiġu ulied Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri) intavola kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri kontra Peter u Frans Camilleri (9/2017/JVC) "**Avukat Dottor Larry Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes v. Peter Camilleri u Frans Camilleri".** F'tali kawża l-Qorti ġiet mitluba:

(i) tiddikjara li r-rikors ġuramentat (17/2015/PC) bħala illegali, irritwali u null u għalhekk mingħajr effett legali;

(ii) tiddikjara għalhekk li s-sentenza relattiva (11.10.2016) ma tagħmilx fronti fil-konfront tal-atturi.

08.01.2019 Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fil-kawża 9/2017/JVC laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti aħwa Peter u Frans Camilleri, li *"ma huwiex mogħti d-dritt lil ħadd li permezz ta' kawża jattakka l-eżistenza ta' kawża oħra jew ta' sentenza ġia deċiża"* u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi.

25.01.2019 L-Avukat Dr. Larry Formosa *nomine* (f'isem l-imsiefrin Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri – li jiġu ulied Lawrence Camilleri bin Emanuel Camilleri) intavola **appell**

**mis-sentenza tat-08.01.2019.**

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

8. Qabel jitqiesu l-aggravji tal-appell tat-terz *nomine*, iridu jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet li qajmu l-atturi appellanti.

L-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku

9. Fl-ewwel lok l-atturi appellanti jsostnu li t-terzi appellanti (l-aħwa Paul Camilleri, Lawrence Camilleri u Deborah Brookes nee Camilleri) m'għandhomx interess ġuridiku għaliex ma hemm xejn fil-proċess li jgħaqqadhom mal-eredita` in kwistjoni.

10. Dawn it-terzi fil-fatt huma ulied Lawrence Camilleri, li jiġi l-iben uniku ta' Emanuel Camilleri (it-testatur); għalhekk it-testatur Emanuel Camilleri jiġi nannuhom.

11. Li huma eredi ta' missierhom Lawrence Camilleri jirriżulta mill-atti tal-kawża 78/1985 tant li meta miet missierhom (l-attur f'tali kawża) l-ġudizzju ġie trasfuż f'isimhom permezz ta' digriet tal-Qorti tal-20 ta' April 2010.

12. Kwantu għall-kwistjoni dwar jekk missierhom da parti tiegħu hux eredi ta' missieru Emanuel Camilleri, fil-fatt l-ewwel talba fil-kawża 78/1985 kienet proprju biex il-Qorti tagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens (cioe` biex jiġi dikjarat "*li l-attur huwa l-eredi sia testamentarju u sia "ex lege" tal-mejjet Emanuel Camilleri*". Kif fuq spjegat din il-kawża kienet marret deżerta fl-2014 u għalhekk tali talba ma ġietx deċiża (għalkemm il-perit legali Dr. Georgine Schembri fir-rapport tagħha kienet ikkonkludiet li din l-ewwel talba kellha tintlaqa' fis-sens li Lawrence Camilleri kellu jiġi kkonsidrat bħala l-wild leġittimu tad-decuius Emanuel Camilleri u għalhekk għandu jiġi meqjus bħala l-eredi "*ex lege*" tiegħu.) Fi kwalunkwe każ din il-Qorti tosserva li minkejja li l-kawża odjerna (17/2015/PC) saret kontra l-"wirt battal" ta' Emanuel Camilleri u t-talbiet ġew milqugħa kontra tali "wirt battal", l-ewwel Qorti effettivament kienet qieset lil Lawrence Camilleri bħala "*l-uniku eredi testamentarju*" ta' Emanuel Camilleri, u dan a bazi tat-testment li Emanuel Camilleri ghamel ghar-rigward tal-assi ereditarji fl-Ingilterra. Jekk dan hux bizzejjed biex jitqies jekk hux eredi wkoll tal-assi li Emanuel Camilleri kellu f'Malta regolat b'testment precedenti ghal dak Ingliz hi kwistjoni ohra, pero` l-interess tat-terzi f'din il-kawza hu altru milli evidenti u l-eccezzjoni qed tigi michuda. Din il-Qorti pero` trid tippuntwalizza li fil-kaz ta' dan l-appell it-terzi qatt ma ssottomettew li huma l-eredi tal-assi li Emanuel Camilleri kellu f'Malta jew ghamlu xi att bhala eredi li jwassal ghal din il-konkluzjoni. Li jirrizulta biss bhala fatt hu illi missierhom Lawrence ghamel kawza

kontra kuginuh Emanuel u zijuh Tarcisio biex jigi dikjarat uniku werriet ta' missier Emanuel li pero` waqghet dezerta fl-2014.

L-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni (ta' 10 snin u ta' 30 sena):

13. L-atturi appellati ssollevaw kemm il-preskrizzjoni ta' 10 snin abbażi tal-Artikolu 845, kif ukoll il-preskrizzjoni ta' 30 sena abbażi tal-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 845 jipprovdi li:

> *(1) "L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.*
>
> *(2) "Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.*

L-Artikolu 2143 (1) jipprovdi li:

> *"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."*

14. Kwantu għall-Artikolu 845, kif anke rriteniet l-ewwel Qorti meta dan l-artikolu kien ġie eċċepit preliminarjament mill-kuratur Dr. Jean Paul Grech, kuratur għall-wirt battal ta' Emanuel Camilleri fir-rigward tat-talbiet tal-kawża odjerna. Hi l-fehma tal-Qorti li dan l-artikolu mhux applikabbli ghal kaz. Fl-ewwel lok tali eccezzjoni tinghata minn konvenut mhux attur

u fit-tieni lok tali eccezzjoni tippresupponi illi l-werrieta hallew iz-zmien jghaddi waqt li l-beni qeghdin fil-pussess ta' haddiehor. Dan il-pussess ma jezistix fl-atturi izda semmai detenzjoni u ghalhekk saret il-kawza biex jigu immessi fil-pussess.

15. Kwantu ghall-Artikolu 2143, dan ukoll mhux applikabbli billi ghall-istess raguni moghtija aktar il-fuq din mhix eccezzjoni kontra l-azzjoni attrici ghall-immissjoni fil-pussess ta' legat, izda eccezzjoni tal-atturi stess fil-konfront ta' terz interessat li mhux qed jirreklama drittijiet ta' wirt, izda biss li t-testment mertu tal-kawza ghall-immissjoni fil-pussess ma kienx ta' ebda effett jew vantagg ghat-talba attrici billi kien gie revokat b'testment sussegwenti.

16. Jibqa' ghalhekk jigi deciz l-aggravju fil-mertu tat-terzi interessati. Din il-Qorti wara li qieset il-provi migjuba u l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti a rigward taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

17. Il-pern tal-kwistjoni hi jekk it-testment Malti li ghamel Emanuel Camilleri tal-20 ta' Novembru 1981 soggett tal-legat mertu tal-kawza odjerna baqax vigenti nonostante t-testment Ingliz li l-istess Emanuel Camilleri ghamel ftit xhur wara fit-22 ta' April 1982. Dak li ta lok ghal dan l-aggravju fl-appell huma l-kliem uzati fit-tieni testment, cioe` 'I hereby revoke all former wills and codicils made by me'. L-appellanti jsostnu li

dawn il-kliem igibu fix-xejn it-talba attrici.

18. Harsa lejn l-atti u senjatmanet xi provi li nghataw fil-kawza 78/1985 minn Lawrence Camilleri kontra Emanuel u Tarcisio Camilleri jaghti konvinzjoni morali li t-testatur ma riedx ihassar it-testment Malti. Jibda biex jinghad illi kif rilevat mill-ewwel Qorti klawsoli revokatorji mhux konklusivi kif intqal fil-kawza **Dempsey v. Lawson** per Sir James Hannen P (2PB107) 'Even if the second instrument contains a general revocatory clause, that is not conclusive, and the Court will, notwithstanding, consider whether it was the intention of the testator to revoke a bequest contained in a previous will'.

19. Din ma tidhirx li kienet l-intenzjoni tat-testatur. Fit-testment Malti tal-1981 jinghad li l-atturi thallew b'legat il-beni kollha fl-epoka tal-mewt tieghu <u>f'dawn il-gzejjer ta' Malta u Ghawdex</u> (sottolinear tal-Qorti). Il-legat kien limitat specifikatament ghal beni f'Malta u Ghawdex. F'dak it-testment ma thalla ebda eredi nominat. Ftit xhur wara meta sar it-testment Ingliz bil-klawsola revokatorja, imsemmija aktar il-fuq il-kliem uzat hu 'I give to my said son absolutely all of my property which is at the date of my death <u>situated or held in the United Kingdom</u> (sottolinear tal-Qorti). Dawn it-testmenti saru vicin xulxin bhala dati, u l-fatt li t-testatur specifika fiz-zewg testmenti ghal liema proprjeta` hu kien qed jirreferi u aktar minn hekk fejn kienet sitwata, turi intenzjoni cara li ried li l-proprjeta`

tieghu f'Malta u l-Ingilterra jigu trattati u decizi b'mod differenti. Di piu kieku l-klawsola revokatorja kienet applikabbli anki ghal proprjeta` f'Malta kien ikun logiku u semplici li fit-tieni testment it-testatur kien ihalli l-proprjeta` kollha 'wherever situate' mhux limitat ghal pajjiz partikolari.

B'zieda ma' dan ix-xiehda ta' missier it-terz appellant Lawrence Camilleri f'dik il-kawza (78/85) fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 1987, cioe` meta l-fatti kienu ghadhom friski ma tantx thalli dubji. Hu qal hekk: *'My father did not want to disinherit me. He always wanted me to get his estate in England. We were always on good terms with each other...that the estate in Malta would be left to Francis and Peter children of Tarcisio Camilleri'* (xhieda mogħtija durante s-seduta tat-28 ta' Awissu 1987).

20. Din il-Qorti ghalhekk ma tqisx l-aggravji gustifikati u qed tichadhom.

21. Il-Qorti tirreleva illi skont l-Artikolu 726 tal-Kap. 12 hu l-eredi li jrid jimmetti lil legatarju fil-pussess tal-legat. Pero` f'dan il-kaz ma rrizulta ebda werriet li accetta l-wirt. F'cirkostanzi simili l-Qorti tqis li ladarba t-talba ghall-immissjoni saret kontra l-kuratur tal-wirt li fl-ahhar mill-ahhar hu l-persuna li qed jikkawtela l-interessi tal-wirt u per konsegwenza tal-werrieta jekk dawn jersqu l-quddiem biex jirreklamaw tali dritt, l-Artikolu 904(2) f'dan il-kaz ghandu jigi interpretat li jkopri din l-eventwalita, altrimenti legatarju qatt ma jista' jigi immess fil-pussess tal-legat imholli

lilu.

**Decide**

22. Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad l-eċċezzjonijiet tal-atturi dwar in-nuqqas ta' interess guridiku u l-preskrizzjoni skont l-Artikoli 845 u 2143 tal-Kap. 16 ghall-appell tat-terzi, tichad l-aggravji tat-terz appellant u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti b'dan li l-kuntratt tal-immissjoni fil-pusses ghandu jsir mhux aktar tard minn tlett xhur mil-lum.

23. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

24. L-ispejjez tal-appell jithallsu mit-terz appellant hlief ghall-eccezzjonijiet fuq imsemmija tal-atturi ghall-appell tat-terzi li ghandhom ibatuhom l-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm